A.L. 379 ta' l-2009

ATT DWAR L-UNJONI EWROPEA
(KAP. 460)

Ordni ta' l-2009 li jemenda l-Ordni dwar Trattament Indaqs fil-każ ta' Impjieg ta' Persuni li jimpjegaw lilhom infushom u l-Okkupazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mis-subartikolu (2) tal-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej -

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa Ordni ta' l-2009 li jemenda l-Ordni dwar Trattament Indaqs fil-każ ta' Impjieg ta' Persuni li jimpjegaw lilhom infushom u l-Okkupazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs fil-każ ta' Impjieg ta' Persuni li jimpjegaw lilhom infushom u l-Okkupazzjoni, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 86 ta' l-2007.

Jissostitwixxi l-artikolu 4 ta' l-ordni prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 4 ta' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. Ir-Regolamenti 1 sa 8, it-tnejn inklużi, 12, 12A, 13 u 14 tar-regolamenti rilevanti, għandhom ikunu japplikaw għall-persuni kollha, ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-kondizzjonijiet għal aċċess relattiv għall-impjieg ta' persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew għall-okkupazzjoni, u d-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (3) u (4) tar-regolament 1 tar-regolamenti rilevanti għandhom jiftiehmu u jiġu interpretati bl-istess mod.".

Iżid l-artikolu 5 ġdid mal-ordni prinċipali.

3. Minnufih wara l-artikolu 4 ta' l-ordni prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej;

"Proċedimenti wara li ssir allegazzjoni."

"5. (1) Meta ssir allegazzjoni li tkun saret xi forma ta' trattament diskriminatorju, il-persuna li tagħmel l-allegazzjoni, jew l-awtorita' kompetenti, jekk xi wieħed minnhom jidhirlu hekk xieraq, ikollha d-dritt li tavża bil-miktub lil kull persuna jew organizzazzjoni li għalihom

japplika dan l-Ordni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-rispondent, dwar it-trattament diskriminatorju li allegatament jkun sar, waqt li jagħti dettalji rilevanti u jitlob tweġiba. Meta jirċievi dak l-avviż, ir-rispondent għandu jippreżenta tweġiba bil-miktub fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data meta jkun irċieva dak l-avviż, u jagħti l-verżjoni tiegħu tal-ġrajjiet u r-raġunijiet għaliex ikun qiegħed jikkontesta l-allegazzjonijiet, kif ukoll spjega tal-proċeduri rilevanti kollha adottati mir-rispondent biex jipprevjeni trattament diskriminatorju.

(2) Kull korrispondenza msemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun ammissibbli fi proċeduri miġjubin quddiem qorti, u jekk ikun jidher lill-qorti li r-rispondent deliberatament, u bla ebda skuża raġonevoli, naqas milli jwieġeb fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data meta jkun irċieva dak l-avviż jew li t-tweġiba tiegħu kienet waħda evażiva jew ekwivoka, il-qorti tista' tasal biex tinferixxi minn dak il-fatt dak li jidhrilha bħala ġust u ekwu, inkluża l-inferenza li huwa jkun għamel att illegali.

(3) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) li jitolbu lir-rispondent jippreżenta tweġiba ma għandhomx japplikaw jekk, fid-data meta tkun saret it-talba, jkunu diġà inbdew proċeduri dwar il-kwistjoni fil-Qorti.".

Iżid l-artikolu 6 ġdid mal-ordni prinċipali.

4. Minnufih wara l-artikolu 5 ta' l-ordni prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Dritt li tinbeda azzjoni quddiem qorti kompetenti."

"6. (1) Persuna li tallega li kienet soġġetta għal trattament diskriminatorju, kemm dirett kemm indirett, fir-rigward ta' kondizzjonijiet għal aċċess għall-impjieg ta' persuni li jimpjegaw lilhom infushom jew għall-okkupazzjoni skond dan l-Ordni jew persuna li tallega li xi persuna oħra tkun għamlet fir-rigward tiegħu jew tagħha xi att illegali taħt dan l-Ordni għandu, fi żmien erba' xhur mill-allegat ksur, ikollha d-dritt li tirrikorri quddiem il-qorti kompetenti ta' ġurisdizzjoni ċivili u hemm titlob lill-qorti tordna lill-konvenut biex jieqaf iwettaq dak l-att illegali u, meta dan ikun japplika, tordna l-ħlas ta' kumpens għal dawk id-danni li tkun sofriet minħabba f'dak l-att illegali.

(2) Fi proċedimenti msemmija fis-subartikolu (1), meta persuni li jikkunsidraw lilhom infushom milquta ħażin minħabba li l-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament ma jkunx ġie applikat għalihom jistabbilixxu quddiem il-

Qorti fatti li minnhom wieħed jista' jippresumi li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, il-konvenut għandu jġib prova li ma kien hemm ebda ksur tal-prinċipju ta' trattament indaqs matul is-smiegħ ta' l-ilment, u l-Qorti għandha tilqa' l-ilment jekk il-konvenut ma jġibx prova li huwa ma jkunx ikkommetta dak l-att illegali.".

Iżid l-artikolu 7 ġdid mal-ordni prinċipali .

5. Minnufih wara l-artikolu 6 ta' l-ordni prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu ġdid li ġej:

"Sostenn li jista' jingħata lil min jagħmel l-ilment."

"7. (1) Xejn m'għandu jżomm lil xi assoċjazzjoni, organizzazzjoni jew entità legali oħra, li jkollha interess leġittimu li tiżgura li jitħares dan l-Ordni, milli tidħol hi nnifisha jew f 'isem jew b'sostenn ta' min jagħmel l-ilment, bl-approvazzjoni tiegħu jew tagħha, f'xi proċedura ġudizzjarja jew amministrattiva li jkun hemm provdut dwarha għall-infurzar ta' l-obbligi taħt dan l-Ordni.

(2) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 6 (2) ta' dan l-Ordni għandhom japplikaw għal proċeduri mibdija kif hemm f'dan l-artikolu.".